**Kif sirt...**

In-niket li kellha waqalha mill-gallarija u tkisser f'kemm-il biċċa, u ħtieġet niket ġdid. Meta mort is-suq magħha l-prezzijiet kienu m'għola s-sema, allura għidtilha tixtri wieħed użat. Sibna wieħed għadu tajjeb ħafna, għalkemm kien kemmxejn kbir. Il-bejjiegħ qalilna li n-niket kien ta' poeta li kien ħa ruħu b'idejh is-sajf li għadda. Dan in-niket għoġobha, u ddeċidejna nixtruh. Pruvajna niġġebdu fil-prezz u l-bejjiegħ offrielna mudell ta' anzjetà mis-sittinijiet b'xejn jekk nixtru dan-niket. Qbilna, u jiena kont kuntenta b'din l-anzjetà għall-għarrieda. Ħabibti ħassett li kont kuntenta biha u qaltli 'Żommha.' Ħadtha u għamiltha fil-basket u tlaqna. Filgħaxija ftakart fiha u ħriġtha biex inħares lejha. Kienet ta' kwalità fina u għadha tajba ħafna minkejja nofs seklu użu. Naħseb li l-bejjiegħ ma kellux idea kemm tiswa għax kieku ma kienx jagħtihielna b'xejn ma dak in-niket ta' poeta żagħżugħ ta' kwalità inferjuri. Kont kuntenta l-aktar bil-fatt li din l-anzjetà kienet eżistenzjali, magħmula bir-reqqa u mżejna b'dettalji mill-isbaħ u l-aktar fini. Nissoponi li kienet ta' bniedem intelletwali ta' ħafna skola jew inkella ta' xi ex-ħabsi. Bdejt nużaha u n-nuqqas ta' rqad u jiena sirna ħbieb tal-qalb. Bdejt insegwi t-trattati tal-paċi bir-reqqa u ma bqajtx inżur lill-qraba. L-ixkafef tal-kotba tiegħi ntlew memoirs u l-opinjoni tiegħi rari kont insemmaha. Il-bnedmin saru aktar importanti għalija minn pajjiżi u bdejt inħoss ċertu nuqqas u dwejjaq, imma l-aktar ħaġa li nnutajt hija li kont sirt poeta.

Ghayath Almadhoun

Translation: Miriam Calleja